IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.1.2020
COM(2020) 33 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**ON THE IMPLEMENTATION OF DIRECTIVE 2000/53/EC ON END-OF-LIFE VEHICLES**

**FOR THE PERIOD 2014-2017**

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA 2000/53/KE DWAR VETTURI LI M'GĦADHOMX JINTUŻAW

## GĦALL-PERJODU 2014-2017

### 1. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva 2000/53/KE dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw[1] (id-Direttiva ELV) għandha l-għan primarju li tipprevjeni l-produzzjoni ta' skart minn vetturi u l-komponenti tagħhom sabiex jitnaqqas ir-rimi finali tal-iskart u l-impatt ambjentali ġenerali tiegħu. Barra minn hekk, il-miżuri stabbiliti fid-Direttiva jimmiraw li jtejbu l-prestazzjoni ambjentali tal-operaturi ekonomiċi kollha involuti fiċ-ċiklu tal-ħajja ta' vettura, speċjalment l-operaturi involuti direttament fit-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw (ELVs). B'mod ġenerali, id-Direttiva ELV issegwi approċċ ta' ekonomija ċirkolari billi tinkoraġġixxi l-ekodisinn, tipprovdi għall-eliminazzjoni ta' sustanzi perikolużi fil-vetturi u tistabbilixxi miri għoljin ta' użu mill-ġdid/riċiklaġġ/irkupru, u b'hekk timmira li tuża mill-ġdid materjali ta' valur mill-ELVs u li żżomm riżorsi prezzjużi fl-ekonomija.

L-Artikolu 9 tad-Direttiva ELV jobbliga lill-Istati Membri jirrappurtaw lill-Kummissjoni f'intervalli ta' tliet snin dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva abbażi ta' kwestjonarju stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/753/KE[2]. Il-kwestjonarju jikkonsisti f'żewġ partijiet: l-ewwel parti tikkonċerna dettalji dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva fil-liġi nazzjonali u t-tieni parti tinkludi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni attwali tad-Direttiva. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri għall-perjodu ta' rappurtar, il-Kummissjoni hija meħtieġa tfassal rapport ta' implimentazzjoni.

Dan huwa r-raba' rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva ELV, li jkopri l-perjodu ta' rappurtar mit-22 ta' April 2014 sal-21 ta' April 2017. Ir-rapporti preċedenti kollha jinsabu fuq is-sit web tal-Kummissjoni.[3]

25 Stat Membru ssottomettew tweġibiet għall-perjodu ta' rappurtar 2014-2017. Tliet pajjiżi (il-Latvja, Malta u l-Ungerija) għadhom ma għamlux dan. Dan huwa tnaqqis żgħir fin-numru ta' pajjiżi li rrapportaw meta mqabbel ma' perjodi ta' rapportar preċedenti: peress li l-Istati Membri kollha pprovdew lill-Kummissjoni bir-rapporti ta' implimentazzjoni għall-perjodu 2008-2011, filwaqt li tnejn (in-Netherlands u Spanja) ma ssottomettewx rapporti għall-2011-2014.

B'mod ġenerali, l-informazzjoni pprovduta kienet fil-biċċa l-kbira tagħha kompleta u ta' kwalità sodisfaċenti. Din ġiet ikkumplementata minn sorsi addizzjonali ta' *data*, b'mod partikolari leġiżlazzjoni nazzjonali, li ġiet ivverifikata direttament għall-konformità mad-Direttiva ELV, u b'informazzjoni minn rapporti oħra tal-Kummissjoni[4]. Barra minn hekk, ġiet ikkunsidrata wkoll id-

[1] ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34.
[2] ĠU L 282, 26.10.2001, p. 77.
[3] http://ec.europa.eu/environment/waste/reporting/index.htm
[4] http://ec.europa.eu/environment/waste/elv/events_en.htm

*data* dwar il-miri tad-Direttiva għall-użu mill-ġdid/riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid/irkupru rrappurtata skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/293/KE[5].

## 2. INFORMAZZJONI DWAR IT-TRASPOŻIZZJONI TAD-DIRETTIVA ELV

Id-Direttiva hija meqjusa bħala trasposta b'mod sodisfaċenti fl-Istati Membri kollha u m'hemm l-ebda ksur miftuħ.

Skont id-Direttiva ELV, il-manifatturi tal-vetturi u t-tagħmir huma meħtieġa jillimitaw l-użu taċ-ċomb, il-merkurju, il-kadmju u l-kromju eżavalenti għal materjali u komponenti li tpoġġew fis-suq wara l-1 ta' Lulju 2003, soġġetti għall-eżenzjonijiet elenkati fl-Anness II tad-Direttiva. Dawn is-sustanzi perikolużi naqsu b'mod drammatiku permezz ta' diversi emendi tal-Anness II[6]. Filwaqt li l-limitazzjoni dwar l-użu ta' sustanzi perikolużi fil-vetturi ġiet trasposta normalment f'leġiżlazzjoni speċifika għall-ELV, id-disinn tal-vetturi biex jiffaċilita l-użu mill-ġdid u l-irkupru jew l-integrazzjoni ta' materjal riċiklat f'vetturi ġodda ta' spiss ġie traspost f'leġiżlazzjoni aktar ġenerika dwar l-iskart, b'rekwiżiti ġenerali għal dawn id-dispożizzjonijiet fis-swieq kollha. L-Awstrija hija eżempju ta' prattika tajba, peress li l-kumpaniji tal-ġbir u l-irkupru huma meħtieġa jużaw 0,5 % tal-fatturat tagħhom għal proġetti ta' prevenzjoni tal-iskart. Barra minn hekk, id-Direttiva tipprovdi wkoll li l-vetturi jkunu ddisinjati għall-użu mill-ġdid u għall-irkupru u li kwantitajiet akbar ta' materjali riċiklati jiġu integrati fil-vetturi.

Il-manifatturi, l-importaturi u d-distributuri għandhom jipprovdu sistemi biex jiġbru l-ELVs u, fejn ikun teknikament fattibbli, il-partijiet użati minn karozzi tal-passiġġieri msewwija. Il-produtturi huma meħtieġa li jkopru parti sinifikanti tal-ispejjeż involuti, jekk mhux kollha, fit-twassil tal-ELVs lejn iċ-ċentri tat-trattament tal-iskart. L-Istati Membri tipikament ittrasponew dawn ir-rekwiżiti b'mod li jippermetti l-flessibilità għall-operaturi ekonomiċi, bil-possibilità ta' skemi individwali jew kollettivi. Fil-maġġoranza tal-Istati Membri, it-teħid lura huwa bla ħlas, ħlief għal każijiet fejn il-komponenti essenzjali huma neqsin, jew jekk ikun ġie miżjud skart addizzjonali, skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva. Billi l-valur tar-ruttam tal-metall u/jew ta' komponenti oħra mneħħija għar-riċiklaġġ jew għall-użu mill-ġdid se jkopri kważi l-ispejjeż kollha tal-ġbir tal-vettura mis-sidien finali, ma hemm l-ebda sfida sinifikanti biex jintlaħaq dan l-obbligu.

Is-sidien tal-ELVs għandhom jirċievu ċertifikat ta' distruzzjoni (CoD) sabiex jiddereġistraw il-vettura tagħhom. L-Istati Membri kollha rrapportaw li stabbilew sistemi nazzjonali ta' dereġistrazzjoni fejn il-ħruġ ta' CoD huwa kondizzjoni tad-dereġistrazzjoni. Il-proċessi għad-dereġistrazzjoni huma kruċjali biex jiġi żgurat li l-ELVs jiġu trasferiti għal faċilitajiet ta' trattament awtorizzati (ATFs) u biex tiġi limitata l-esportazzjoni illegali tagħhom. Ftit inqas minn nofs l-Istati Membri għamlu użu minn dispożizzjoni li tippermetti lill-produtturi, lin-negozjanti u lill-kolletturi joħorġu kemm CoDs, kif ukoll ATFs. Filwaqt li l-Istati Membri kollha jista' jkollhom sistemi ta' dereġistrazzjoni fis-seħħ, matul dawn l-aħħar snin kien hemm żieda fl-ELVs li mhux magħruf fejn jinsabu (jiġifieri vetturi li jiġu dereġistrati iżda ma nħarġilhomx CoD, jew li għalihom is-CoD ma jkunx disponibbli għall-awtoritajiet). Dan jindika li s-sistemi nazzjonali ta' dereġistrazzjoni mhumiex qed joperaw b'mod effettiv daqs kemm jistgħu jkunu.

[5] ĠU L 94, 13.4.2005, p. 30-33.
[6] Bħalissa l-Kummissjoni qiegħda tħejji d-9 u l-10 emenda tal-Anness II.

Id-Direttiva ELV għandha dispożizzjonijiet biex tiżgura li l-ELVs jiġu trattati sewwa u fil-ħin f'faċilitajiet ta' trattament li jkunu kisbu permess mill-awtoritajiet kompetenti. Dawn il-faċilitajiet huma soġġetti wkoll għal spezzjonijiet. Dawn il-kundizzjonijiet huma stabbiliti biex jitnaqqas kwalunkwe impatt ambjentali negattiv u biex jiġi promoss l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-komponenti tal-vetturi. L-Istati Membri kollha rrapportaw li għandhom miżuri trasposti skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva f'dan ir-rigward. Ir-Rumanija u l-Finlandja kienu l-uniċi Stati Membri li rrappurtaw bidliet żgħar fil-leġiżlazzjoni mill-aħħar perjodu ta' rappurtar: ir-Rumanija aġġornat il-permessi meħtieġa biex jiġu ġestiti u żarmati l-ELVs, filwaqt li l-Finlandja introduċiet Digriet tal-Gvern speċifiku għall-ELVs (123/2015) li jaġġorna r-restrizzjonijiet għall-użu ta' sustanzi perikolużi fil-vetturi. Il-maġġoranza tal-pajjiżi ma jippermettux derogi mir-rekwiżiti għall-permessi għal operazzjonijiet biex l-iskart jiġi rkuprat mill-ELVs wara li jkunu ġew ittrattati kif suppost skont id-Direttiva ELV u soġġetti għal spezzjoni annwali[7], ir-risposti tad-Danimarka, l-Italja, ir-Rumanija u r-Renju Unit biss jissuġġerixxu li dawn jagħmlu dan (bidla oħra għar-Rumanija mill-perjodu ta' rappurtar preċedenti).

L-Istati Membri huma meħtieġa jinkoraġġixxu l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, u d-Direttiva ELV tistabbilixxi miri għall-użu mill-ġdid, għar-riċiklaġġ u għall-irkupru. Sal-1 ta' Jannar 2015, l-Istati Membri kellhom jiksbu l-miri li ġejjin: bi skadenzi fl-2006 u l-2015:

- 95 % użu mill-ġdid u rkupru (bħala medja għal kull vettura kull sena skont il-piż); u
- 85 % użu mill-ġdid u riċiklaġġ (bħala medja għal kull vettura kull sena skont il-piż).

Fl-2017, 14-il Stat Membru laħqu kemm il-miri ta' 85 % kif ukoll dawk ta' 95 % għar-riċiklaġġ u l-irkupru. L-ilħuq tal-miri huwa diskuss f'aktar dettall fit-Taqsima 3.

Xi Stati Membri rrapportaw miżuri innovattivi għall-inkoraġġiment tal-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ. L-Italja teħtieġ li l-Awtoritajiet Reġjonali jadottaw miżuri li jiżguraw li l-korpi pubbliċi (u l-kumpaniji li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma pubbliċi) jiksbu mill-inqas 30 % tal-oġġetti/prodotti tagħhom meħtieġa kull sena minn materjali riċiklati. Il-leġiżlazzjoni Taljana teħtieġ ukoll li x-xiri ta' tajers ta' sostituzzjoni għall-flotot ta' vetturi pubbliċi jinkludi mill-inqas 20 % ta' tajers ittredjati mill-ġdid. Min-naħa tagħha, Franza teħtieġ it-traċċabilità tal-partijiet li jkunu ġew żarmati biex dawn ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw. Fis-Slovenja, qabel ma jitqattgħu il-vetturi żarmati, il-maniġers tal-faċilitajiet ta' żarmar huma meħtieġa jneħħu 10 % tal-piż annwali totali tal-ELVs aċċettati mill-komponenti, il-materjali u l-fluwidi tagħhom u jibagħtuhom għall-użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ.

Skont id-Direttiva ELV, l-istandards ta' kodifikazzjoni jeħtieġu li l-produtturi jimmarkaw (jew "jikkodifikaw") komponenti u materjali, sabiex jiffaċilitaw l-identifikazzjoni ta' dawk il-komponenti u l-materjali li huma adatti għall-użu mill-ġdid u l-irkupru.

Kważi l-Istati Membri kollha jirrappurtaw li trasponew bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni li teħtieġ lill-produtturi jużaw l-istandards ta' kodifikazzjoni. L-eċċezzjonijiet huma d-Danimarka, fejn il-leġiżlazzjoni ma ssemmix speċifikament l-istandards tal-kodifikazzjoni, u l-Greċja, li wieġbet li ma għandha l-ebda manifattur tal-vetturi; ir-Repubblika Ċeka għamlet referenza għal leġiżlazzjoni li ma kinitx disponibbli biex tiġi vverifikata mill-Kummissjoni.

[7] Deroga mir-rekwiżiti għall-permessi skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva ELV

Il-produtturi għandhom jipprovdu wkoll informazzjoni dwar iż-żarmar għal kull tip ta' vettura fi żmien sitt xhur minn meta titqiegħed fis-suq, pereżempju permezz ta' manwali jew ta' bażijiet ta' *data*. L-aktar mod popolari biex il-produtturi jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa dwar iż-żarmar, il-ħżin u l-ittestjar huwa permezz tas-Sistema Internazzjonali ta' Informazzjoni dwar iż-Żarmar (IDIS - International Dismantling Information System)[8]. 20 Stat Membru rrappurtaw li użuw l-IDIS u xi Stati Membri rrappurtaw li jużaw ukoll miżuri nazzjonali oħra.

L-Istati Membri kollha ttrasponew leġiżlazzjoni li tiżgura li produtturi jipprovdu informazzjoni dwar iż-żarmar għal kull tip ta' vettura ġdida mqiegħda fis-suq fi żmien sitt xhur wara li l-vettura titqiegħed fis-suq.

## 3. INFORMAZZJONI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA ELV

Ir-rapporti ta' implimentazzjoni nazzjonali jipprovdu wkoll informazzjoni dwar kif għadd ta' dispożizzjonijiet tad-Direttiva ELV ġew implimentati mill-Istati Membri.

Eżempji notevoli ta' fejn ġew introdotti miżuri għall-prevenzjoni tal-iskart jinkludu l-Irlanda, li teħtieġ lill-produtturi jippromwovu l-prevenzjoni tal-iskart permezz ta' firxa ta' miżuri li japplikaw għal ċerti vetturi speċifikati. Dawn jinkludu: ir-restrizzjoni tal-użu ta' sustanzi perikolużi, filwaqt li jitqies iż-żarmar, l-użu mill-ġdid, l-irkupru u r-riċiklaġġ fi tmiem il-ħajja meta jkunu qed jiġu ddisinjati vetturi ġodda, u ż-żieda tal-proporzjon ta' materjal riċiklat użat fil-produzzjoni ta' vetturi speċifikati.

Fir-Rumanija, jitwettqu valutazzjonijiet preliminari sabiex ikun żgurat li l-vetturi jilħqu ċerti miri, u l-produtturi tal-vetturi jkunu żviluppaw standard ġdid ta' attivazzjoni permezz ta' interfaċċja standardizzata ta' dijanjostika fil-vettura (OBD).

In-numru ta' Stati Membri li kienu kapaċi jipprovdu informazzjoni dettaljata dwar il-kwantità ta' materjali riċiklati użati fil-manifattura tal-vetturi kien limitat. Fost il-punti ta' interess insibu d-dikjarazzjoni tal-Polonja li filwaqt li jintużaw plastiks riċiklati, il-plastiks irkuprati jeħtieġu proċess speċifiku ta' tindif qabel ma jkunu jistgħu jintużaw fil-produzzjoni tal-vetturi. Barra minn hekk, ir-Rumanija kkummentat li l-materjal tal-plastik riċiklat użat l-aktar ta' spiss għall-partijiet tal-vetturi huwa l-propilen, u li l-plastik riċiklat jirrappreżenta aktar minn 10 % tal-massa totali tal-plastik użata f'vetturi manifatturati fit-territorju tagħha.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri raw żieda fin-numru ta' Faċilitajiet ta' Trattament Awtorizzati (ATFs) li joperaw fit-territorju tagħhom. Għalkemm tliet pajjiżi ma pprovdewx *data* dwar in-numri ta' ATFs għall-2015-2017 (il-Belġju, l-Ungerija u l-Latvja), jekk wieħed jassumi li n-numri f'dawk il-pajjiżi baqgħu l-istess bħal dawk irrappurtati qabel, allura l-għadd totali ta' ATFs fl-EU28 żdied minn 12,589 fl-2012-2014 għal 14,173 fl-2015-2017.

18-il Stat Membru rrappurtaw li fit-territorju tagħhom hemm stabbilimenti ta' trattament b'sistema ċertifikata ta' ġestjoni ambjentali (EMS). Fl-EU28, il-proporzjon ta' stabbilimenti tat-trattament b'EMS żdied minn 1,9 % fl-2012-2014 għal 3,73 % fl-2015-2017. Il-Belġju huwa eżempju ta' prattika tajba, għax fi Flanders u fil-Walloon, iċ-ċentri approvati kollha għat-tindif mit-tniġġis, iż-

[8] *IDIS | The International Dismantling Information System*, accessed 19 March 2019, https://www.idis2.com/

żarmar u d-distruzzjoni ta’ ELVs għandhom sistema ta’ ħarsien ambjentali, minħabba l-leġiżlazzjoni li tistipula li dawn iċ-ċentri għandhom jissottomettu rapport annwali lill-awtoritajiet li jagħti r-riżultati ta’ eżami tal-attivitajiet tal-kumpanija minn istituzzjoni indipendenti ta’ spezzjoni, u evalwazzjoni negattiva tista’ twassal biex l-approvazzjoni tiġi rtirata.

10 Stati Membri biss setgħu jipprovdu informazzjoni speċifika dwar in-numru ta’ ELVs mingħajr ebda valur tas-suq jew b'valur tas-suq negattiv imwassal lil ATFs filwaqt li ħamsa setgħu jagħtu tweġiba parzjali. It-trattament ta’ ELVs b’valur negattiv huwa importanti sabiex jitnaqqas ir-rimi tal-iskart. Sadanittant, 13-il Stat Membru ma setgħux iwieġbu l-mistoqsija, minħabba l-fatt li din id-*data* ma tiġix irreġistrata. Mill-Istati Membri li pprovdew informazzjoni definita, f’seba’ każijiet (Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, l-Irlanda, l-Italja, il-Portugall u Spanja) dan seħħ minħabba li ma kien hemm l-ebda vettura bħal din li kellha valur tas-suq negattiv jew li ma kellha l-ebda valur tas-suq; fi kliem ieħor, fil-każijiet kollha, f’dawn il-pajjiżi l-ELVs baqgħu b'valur tas-suq pożittiv. Sadanittant, il-Greċja rrappurtat li l-ELVs kollha mogħtija lill-ATFs ma għandhom l-ebda valur tas-suq - madankollu, mhuwiex ċar kif jiġi kkunsidrat il-valur pożittiv tar-ruttam tal-metall, anki jekk l-ELVs bħala tali ma għandhomx valur fis-suq għall-vetturi użati. Il-Litwanja u Malta biss irrappurtaw ċifri kwantitattivi.

Id-*data* dwar ir-rati miksuba ta’ użu mill-ġdid/riċiklaġġ u ta’ użu mill-ġdid/irkupru hija murija fil-Figure 1 u fl-Illustrazzjoni 2. Inġabret *data* mill-Eurostat wara l-obbligu tal-Istati Membri li jirrappurtaw kull sena dwar il-miri tal-ELV fil-kuntest tar-rekwiżit ta’ rappurtar skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar dettalji għall-monitoraġġ tal-konformità mad-Direttiva[9].

Fl-2017, 20 Stat Membru kienu laħqu l-mira minima ta’ użu mill-ġdid u riċiklaġġ ta’ 85 % skont il-piż medju għal kull vettura u sena, 2 Stati Membri ma kinux laħqu l-miri għalkemm huma qrib u għal 6 Stati Membri d-*data* ma kinitx disponibbli. Ir-rata medja ta’ użu mill-ġdid u ta' riċiklaġġ għall-EU28 b’mod ġenerali kienet ta’ 89 %, erba’ punti perċentwali ogħla mill-mira.

Illustrazzjoni1: Rati ta’ Użu mill-Ġdid u Riċiklaġġ tal-ELV (%)[10]

| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 88,7 | 88,2 | 89,2 | 91,3 | 92,1 | 93,2 |
| Il-Bulgarija | 89,5 | 93,2 | 94,1 | 94,4 | 94,6 | 97,6 |
| Iċ-Ċekja | 80,3 | 80,3 | 80,3 | 90,2 | 90,3 | 91,9 |
| Il-Kroazja | 97,2 | 100 | 89,5 | 92,8 | 93,9 | 99,3 |
| Id-Danimarka | 92,4 | 86,6 | 86 | 91,2 | 88,8 | 91,5 |
| Il-Ġermanja | 92,3 | 89,8 | 89,5 | 87,7 | 89,3 | 89,5 |
| L-Estonja | 80,9 | 77,7 | 87 | 86 | 85,8 | 85,9 |
| L-Irlanda | 81,8 | 80,4 | 82,1 | 83,3 | 86 | 85,9 |
| Il-Greċja | 82,8 | 88,8 | 80,4 | 64,5 | 100 | 91,9 |
| Spanja | 83 | 83,6 | 84,3 | 85 | 85,4 | 85,8 |
| Franza | 82,4 | 85,3 | 85,9 | 87,5 | 86,9 | 87,4 |

9 EUROSTAT (2019) *Eurostat - Data Explorer*, accessed 25 March 2019, http://appsso.eurostat.ec.europa.eu/nui/show.do?dataset=env_waselvt&lang=en

10 https://ec.europa.eu/eurostat/web/waste/data/database

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Italja | 80,8 | 82,2 | 83,4 | 84,6 | 82,5 | : |
| Ċipru | 84,7 | 84,3 | 87,7 | 89,1 | 90,3 | : |
| Il-Latvja | 97,6 | 92,4 | 92,2 | 86,6 | 94,3 | 84 |
| Il-Litwanja | 89,2 | 92,1 | 93,5 | 94,6 | 94,9 | 94,8 |
| Il-Lussemburgu | 85 | 84 | 87 | 87 | 86 | 94,3 |
| Malta | 95,8 | 91,9 | 45 | 77,7 | 54,4 | : |
| L-Ungerija | 84,4 | 90,7 | 90,3 | 94,6 | 95,4 | 95,5 |
| In-Netherlands | 83,7 | 86 | 86,1 | 87,7 | 88,9 | : |
| L-Awstrija | 83,4 | 85 | 85,8 | 86,9 | 87,2 | 86,6 |
| Il-Polonja | 90,4 | 88,6 | 85,5 | 94,7 | 94,3 | 95,7 |
| Il-Portugall | 82,7 | 82,9 | 83,8 | 84 | 83,5 | 85,2 |
| Ir-Rumanija | 84 | 83,8 | 84,1 | 85,1 | : | : |
| Is-Slovenja | 100 | : | 85,9 | : | : | : |
| Is-Slovakkja | 89,9 | 92,5 | 94,8 | 88,4 | 96,1 | 95,7 |
| Il-Finlandja | 82,5 | 82,5 | 82,8 | 82,8 | 82,8 | 82,8 |
| L-Iżvezja | 85 | 84,6 | 84,4 | 84,6 | 86,7 | 88,2 |
| Ir-Renju Unit | 84,1 | 85,5 | 86,9 | 87,3 | 86,4 | 86,5 |
| L-Iżlanda | 100 | 99,6 | 97,7 | 98,5 | 96,8 | : |
| Il-Liechtenstein | 77,2 | 78,2 | 78,7 | 80,5 | 75,6 | 75,1 |
| In-Norveġja | 75,5 | 75,4 | 82,9 | 85,2 | 85,2 | : |

Illustrazzjoni2: Rati ta' Użu mill-Ġdid u Rkupru tal-ELV tal-2016 (%)[11]

| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 93 | 93 | 94,2 | 96,7 | 96,4 | 97 |
| Il-Bulgarija | 91,3 | 94,1 | 95 | 95,1 | 95,6 | 98,8 |
| Iċ-Ċekja | 86,3 | 86,3 | 86,3 | 95,7 | 95,4 | 95,6 |
| Il-Kroazja | 99,9 | 100 | 96,2 | 99,5 | 99,5 | 99,7 |
| Id-Danimarka | 92,6 | 86,7 | 86,1 | 97,6 | 97,1 | 99,6 |
| Il-Ġermanja | 106,3 | 103,8 | 101,4 | 95,8 | 98 | 98,4 |
| L-Estonja | 85,1 | 86,4 | 88,4 | 87 | 89,8 | 89,9 |
| L-Irlanda | 87,8 | 91,6 | 90,7 | 91,8 | 92,8 | 94,6 |
| Il-Greċja | 90,3 | 91,5 | 85,5 | 68,9 | 108 | 99,5 |
| Spanja | 88,2 | 91,5 | 93,5 | 95 | 93,4 | 94 |
| Franza | 87 | 89,3 | 91,3 | 94,3 | 94,8 | 94,6 |
| L-Italja | 82,3 | 82,8 | 85,1 | 84,7 | 82,6 | : |
| Ċipru | 86,9 | 86,6 | 90,2 | 90,7 | 93,2 | : |
| Il-Latvja | 97,9 | 92,6 | 92,4 | 87 | 94,5 | 84,1 |
| Il-Litwanja | 90,1 | 92,4 | 94,4 | 95 | 95,4 | 95,1 |
| Il-Lussemburgu | 95 | 95 | 95 | 97 | 96 | 96,2 |
| Malta | 96 | 91,9 | 45 | 77,7 | 54,5 | : |
| L-Ungerija | 86,2 | 91,7 | 95,6 | 95,2 | 95,8 | 96,9 |
| In-Netherlands | 96,1 | 95,9 | 96 | 97 | 98,7 | : |
| L-Awstrija | 94,2 | 96,7 | 96,1 | 96,9 | 96,9 | 97,9 |
| Il-Polonja | 92,8 | 90,3 | 88 | 97 | 96,3 | 98,6 |

[11] https://ec.europa.eu/eurostat/web/waste/data/database

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Portugall | 87,6 | 90,5 | 92,7 | 92,7 | 92,1 | 93,8 |
| Ir-Rumanija | 86 | 87,4 | 88,5 | 90,8 | : | : |
| Is-Slovenja | 103 | : | 91,3 | : | : | : |
| Is-Slovakkja | 91,2 | 93,7 | 96 | 89,4 | 97,4 | 97,5 |
| Il-Finlandja | 95 | 95 | 97,3 | 97,3 | 97,3 | 97,3 |
| L-Iżvezja | 90,6 | 91,3 | 91,3 | 96,8 | 94,6 | 97,2 |
| Ir-Renju Unit | 88,1 | 88,9 | 90,7 | 96,9 | 92,2 | 94,1 |
| L-Iżlanda | 100 | 99,6 | 97,7 | 98,5 | 96,8 | : |
| Il-Liechtenstein | 92,7 | 89 | 90,6 | 90,8 | 85,6 | 84,7 |
| In-Norveġja | 93,8 | 94,7 | 97,5 | 96,7 | 97,7 | : |

Mill-2017, 15-il Stat Membru kienu laħqu l-mira minima ta' użu mill-ġdid u rkupru ta' 95 % b'piż medju għal kull vettura u sena, 7 Stati Membri għadhom ma laħqux il-mira ta' 95 % iżda huma qrib ħafna u 6 Stati Membri għadhom ma rrapurtawx. Ir-rata medja ta' użu mill-ġdid u ta' rkupru għall-EU28 b'mod ġenerali kienet ta' 94 %, eżatt taħt il-mira.

Għadd sinifikanti ta' Stati Membri b'infrastruttura u proċessi stabbiliti tal-ġestjoni tal-ELV jidher li mhumiex jilħqu l-miri ta' rkupru tagħhom iżda dan il-fatt jista' jkun indikattiv ta' enfasi akbar fuq ir-riċiklaġġ milli fuq forom oħra ta' rkupru (eż. Franza, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit jissodisfaw il-miri ta' riċiklaġġ tagħhom iżda mhux il-miri ta' rkupru) skont il-kunċett tal-ekonomija ċirkolari. Jista' jkun indikattiv ukoll ta' metodi ta' rappurtar aktar robusti u mtejba li jikkontribwixxu għal implimentazzjoni aħjar tad-Direttiva. L-Istati Membri li ma laħqux il-miri spjegaw ir-raġunijiet u l-miżuri implimentati biex jintlaħqu l-miri.

Ir-rati għoljin irrappurtati mill-Greċja jistgħu jiġu attribwiti għall-fatt li l-faċilitajiet ta' żarmar għażlu li jaħżnu għal perjodu estiż xi ELVs li kienu għadhom ma tneħħewlhomx il-fluwidi, x'aktarx minħabba l-valuri baxxi tas-suq tal-metalli, li mbagħad ġew mqattgħin wara s-sena tad-dekontaminazzjoni tagħhom. Dan wassal għal għadd kbir ta' ELVs ittrattati f'sena.

Miżuri ġodda biex jinkoraġġixxu l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ li ġew introdotti jinkludu miżuri madwar l-użu mill-ġdid tal-komponenti tal-ELV fl-Ungerija, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' komunikazzjoni fil-Portugall, u għajnuna finanzjarja għal proġetti ġodda ta' riċerka u żvilupp dwar il-prevenzjoni tal-iskart tal-ELV, ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid tal-komponenti fi Spanja, bi prijorità mogħtija lil proġetti li jiffukaw fuq ir-riċiklaġġ ta' plastiks tal-vetturi, ħġieġ tal-windscreen u tajers.

## 4 L-ELVs LI MHUX MAGĦRUF FEJN JINSABU U Ż-ŻARMAR ILLEGALI TA' ELVs

L-iktar nuqqas ta' implimentazzjoni u infurzar ta' sfida tad-Direttiva ELV, jibqa' l-għadd kbir ta' "ELVs li mhux magħruf fejn jinsabu". Dan diġà ġie indikat fir-rapport preċedenti tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva ELV għall-2011 sal-2014[12] u fl-evalwazzjoni ex post tal-Kummissjoni ta' ħames direttivi dwar l-iskart[13]. Biex tivvaluta l-problema, il-Kummissjoni wettqet "Inizjattiva ta' Promozzjoni tal-Konformità biex tivvaluta l-implimentazzjoni tad-Direttiva

[12] http://ec.europa.eu/environment/waste/elv/implementation_en.htm
[13] http://ec.europa.eu/environment/waste/target_review.htm

2000/53/KE dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw (id-Direttiva ELV) b'enfasi fuq vetturi li m'għadhomx jintużaw li mhux magħruf fejn jinsabu"[14].

Il-Eurostat jitlob lill-Istati Membri biex jipprovdu dettalji dwar l-għadd ta' vetturi miġbura u trasferiti lill-ATFs. Dawn iċ-ċifri huma miġbura fit-Tabella 1 hawn taħt.

**Tabella 1: Ghadd totali ta' vetturi li m'ghadhomx jintużaw, miġbura u trasferiti lill-ATFs, 2008-2016**[15]
(għadd ta' vetturi)

| | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-Unjoni Ewropea** | 6 301 000 | 9 039 000 | 7 383 000 | 6 789 000 | 6 286 000 | 6 234 000 | 6 150 000 | 5 964 000 | 5 920 000 |
| **Il-Belġju** | 141 521 | 140 993 | 170 562 | 165 016 | 160 615 | 134 506 | 126 835 | 107 425 | 106 458 |
| **Il-Bulgarija** | 38 600 | 55 330 | 69 287 | 62 937 | 57 532 | 61 673 | 80 862 | 85 946 | 92 706 |
| **Iċ-Ċekja** | 147 259 | 155 425 | 145 447 | 132 452 | 125 587 | 121 838 | 131 987 | 139 440 | 145 928 |
| **Id-Danimarka** | 101 042 | 96 830 | 100 480 | 93 487 | 106 504 | 125 650 | 104 413 | 98 929 | 89 039 |
| **Il-Ġermanja** | 417 534 | 1 778 593 | 500 193 | 466 160 | 476 601 | 500 322 | 512 163 | 473 386 | 412 801 |
| **L-Estonja** | 13 843 | 7 528 | 7 268 | 11 413 | 12 835 | 14 712 | 14 720 | 12 884 | 11 184 |
| **L-Irlanda** | 127 612 | 152 455 | 158 237 | 134 960 | 102 073 | 92 467 | 86 950 | 74 910 | 98 213 |
| **Il-Greċja** | 55 201 | 115 670 | 95 162 | 112 454 | 84 456 | 86 205 | 82 863 | 87 050 | 46 573 |
| **Spanja** | 748 071 | 952 367 | 839 637 | 671 927 | 687 824 | 734 776 | 724 820 | 689 760 | 611 446 |
| **Franza** | 1 109 876 | 1 570 593 | 1 583 283 | 1 515 432 | 1 209 477 | 1 115 280 | 1 084 766 | 1 016 326 | 1 046 083 |
| **Il-Kroazja** | : | : | : | : | 35 213 | 32 135 | 19 388 | 16 900 | 20 386 |
| **L-Italja** | 1 203 184 | 1 610 137 | 1 246 546 | 952 461 | 902 611 | 876 052 | 853 584 | 958 245 | 978 960 |
| **Ċipru** | 14 273 | 17 303 | 13 219 | 17 145 | 17 547 | 13 212 | 11 160 | 8 293 | 5 151 |
| **Il-Latvja** | 10 968 | 10 590 | 10 640 | 9 387 | 10 228 | 9 003 | 9 268 | 8 924 | 8 049 |
| **Il-Litwanja** | 19 534 | 19 656 | 23 351 | 26 619 | 22 885 | 26 482 | 29 982 | 26 546 | 21 306 |
| **Il-Lussemburgu** | 2 865 | 6 908 | 6 303 | 2 341 | 2 834 | 2 290 | 2 225 | 1 617 | 1 854 |
| **L-Ungerija** | 37 196 | 26 020 | 15 907 | 13 043 | 15 357 | 14 897 | 15 283 | 16 788 | 15 141 |
| **Malta** | : | : | 330 | 2 526 | 2 530 | 1 198 | 2 646 | 4 509 | : |
| **In-Netherlands** | 152 175 | 191 980 | 232 448 | 195 052 | 187 143 | 183 451 | 188 487 | 167 777 | 197 488 |
| **L-Awstrija** | 63 975 | 87 364 | 82 144 | 80 004 | 64 809 | 73 993 | 59 904 | 47 926 | 48 077 |
| **Il-Polonja** | 189 871 | 210 218 | 259 576 | 295 152 | 344 809 | 402 416 | 454 737 | 478 202 | 380 529 |
| **Il-Portugall** | 107 746 | 107 946 | 107 419 | 77 929 | 92 008 | 92 112 | 86 713 | 84 158 | 88 559 |
| **Ir-Rumanija** | 51 577 | 55 875 | 190 790 | 128 839 | 57 950 | 37 989 | 42 138 | 41 886 | : |
| **Is-Slovenja** | 6 780 | 7 043 | 6 807 | 6 598 | 5 447 | : | 6 260 | : | : |
| **Is-Slovakkja** | 39 769 | 67 795 | 35 174 | 39 171 | 33 469 | 36 858 | 29 175 | 26 176 | 36 931 |
| **Il-Finlandja** | 103 000 | 96 270 | 119 000 | 136 000 | 119 000 | 99 300 | 94 540 | 99 630 | 114 460 |
| **L-Iżvezja** | 150 197 | 133 589 | 170 658 | 184 105 | 185 616 | 189 748 | 186 967 | 188 810 | 186 875 |
| **Ir-Renju Unit** | 1 210 294 | 1 327 517 | 1 157 438 | 1 220 873 | 1 163 123 | 1 149 459 | 1 106 846 | 995 527 | 1 103 050 |
| **L-Iżlanda** | 9 386 | 5 109 | 4 195 | 4 075 | 5 824 | 4 463 | 5 245 | 6 063 | 6 527 |
| **Il-Liechtenstein** | 91 | 72 | 107 | 94 | 114 | 326 | 188 | 230 | 260 |
| **In-Norveġja** | 130 018 | 95 000 | 112 537 | 124 563 | 119 905 | 141 452 | 139 920 | 145 098 | 142 280 |

Id-*data* fit-tabella tirreferi għall-ELVs irrapportati li ngħataw CoD u li qed jiġu ttrattati f'ATFs. Fil-Linji Gwida indirizzati lill-Istati Membri, il-Eurostat qed jitlob ukoll lill-Istati Membri jirrappurtaw dwar l-għadd totali ta' ELVs u mhux dawk biss li għalihom ikun inħareġ CoD. Madankollu, huma ftit

[14] Inizjattiva ta' Promozzjoni tal-Konformità biex tivvaluta l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/53/KE dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw (id-Direttiva ELV) b'enfasi fuq vetturi li m'għadhomx jintużaw li mhux magħruf fejn jinsabu (http://ec.europa.eu/environment/waste/elv/events_en.htm)
[15] ***Sors***: Eurostat (kodiċi tad-*data* online: env_waselvt)

ħafna l-Istati Membri li jibagħtu din id-*data* peress li la skont id-Direttiva ELV u lanqas skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/293/KE dwar il-monitoraġġ tal-użu mill-ġdid/rkupru u l-miri tal-użu mill-ġdid/rkupru tad-Direttiva ELV mhu obbligatorju li jiġi rrapurtat l-għadd ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw. Għalhekk, kellha tintuża *data* minn sorsi oħra[16] sabiex jiġu stmati l-ELVs. Paragun bejn id-*data* dwar l-ELVs li ngħataw CoD u li qed jiġu ttrattati minn ATFs u d-*data* dwar l-ELV juri diskrepanzi. Il-grafika ta' hawn taħt mill-istudju riċenti tal-Kummissjoni turi l-għadd ta' ELVs[17] irrappurtati legalment (jiġifieri dawk li ngħataw CoD u li ġew trattati legalment) u l-għadd kbir ta' ELVs li mhux magħruf fejn jinsabu fl-2014 fl-UE. Il-grafika qed tqis id-dħul tal-vetturi fis-sistemi nazzjonali ta' reġistrazzjoni u l-ħruġ mill-ħażna tal-vetturi tal-EU-28. L-għadd ta' ELVs li mhux magħruf fejn jinsabu jibqa' ta' tħassib kbir.




Għal eżempju ta' kif jistgħu jseħħu diskrepanzi bħal dawn, il-Finlandja rrappurtat li xi ċittadini u operaturi ma jiħdux ELVs fis-sistema uffiċjali ta' teħid lura tal-produtturi, u għalhekk l-ammont totali ta' ELVs huwa ferm ogħla mill-għadd reali ta' CoDs. Barra minn hekk, il-Finlandja enfasizzat li ż-żieda fit-trattament xieraq tal-ELVs fl-2017 setgħet irriżultat miż-żieda fil-prezzijiet tal-metall u mit-titjib fis-sistema ta' dereġistrazzjoni online.

Il-Ġermanja rrappurtat li l-għadd relattivament baxx ta' ELVs miġbura u ttrattati fit-territorju tagħha, meta mqabbel ma' madwar 2,8 miljun karozza dereġistrata b'mod permanenti kull sena, huwa dovut għall-esportazzjoni ta' vetturi użati, u li r-rapporti li saru fl-2017 naqqsu l-"lakuna statistika" tal-

[16] Eurostat, Statistiċi tal-Kummerċ Barrani (FTS); Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi tal-Vetturi (ACEA); Eurostat, sett tad-*data*: road_eqs; road_eqr); POLK. Dawn is-sorsi ntużaw fl-Inizjattiva għall-Promozzjoni tal-Konformità tal-Kummissjoni biex tivvaluta l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/53/KE dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw (id-Direttiva ELV) b'enfasi fuq il-vetturi li m'għadhomx jintużaw li mhux magħruf fejn jinsabu (http://ec.europa.eu/environment/waste/elv/events_en.htm)
[17] Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ELV huwa l-vetturi M1 (għat-trasport ta' passiġġieri b'mhux aktar minn tmien sits minbarra s-sit tas-sewwieq) u N1 (vetturi għat-trasport ta' oġġetti b'piż massimu li ma jaqbiżx 3.5 tunnellati).

vetturi li mhux magħruf fejn jinsabu[18]. [19] Il-lakuna ġiet eliminata primarjament bil-kalkolu mill-ġdid tal-għadd reali ta' vetturi bil-mutur li ġew dereġistrati b'mod permanenti, u bi stimi kkwalifikati dwar id-*data* statistika dwar l-esportazzjoni ta' vetturi użati (lejn pajjiżi tal-UE u lejn pajjiżi mhux tal-UE).

L-istudju riċenti tal-Kummissjoni juri wkoll li wħud mir-raġunijiet għan-numru kbir tal-ELVs li mhux magħruf fejn jinsabu jwassal għal sistemi ta' dereġistrazzjoni b'nuqqasijiet u bi trattament mhux xieraq tal-ELVs (jiġifieri mhux l-ELVs kollha jiġu trasferiti għal punti ta' ġbir, u minn dawk trasferiti, mhux kollha jirċievu CoD; ELVs li qed jiġu żarmati f'faċilitajiet mhux awtorizzati). Barra dan, hemm ELVs li huma esportati b'mod illegali bħala vetturi użati.

Barra minn hekk, hemm rabtiet u segwitu inadegwati bejn is-sistemi ta' reġistrazzjoni u ta' dereġistrazzjoni jew ta' reġistrazzjoni mill-ġdid li forsi jistgħu jimplikaw li mhux l-ELVs dereġistrati kollha jirċievu ċertifikat ta' distruzzjoni (CoD) minkejja li jiġu trattati legalment; hemm vetturi użati reġistrati fi Stat Membru ieħor li qatt ma kienu ġew dereġistrati mill-Istat Membru ta' oriġini; in-nuqqas ta' *data* ta' kwalità tajba, b'mod partikolari fir-rigward ta' *data* dwar l-esportazzjoni ta' vetturi użati u ELVs u t-telf ta' materja prima; il-ħtieġa ta' titjib fil-metodi ta' rappurtar mill-Istati Membri; il-ġbir u ż-żarmar illegali ta' ELVs f'faċilitajiet ta' trattament mhux awtorizzati mingħajr standards ambjentali; u, għalhekk, il-ħtieġa ta' infurzar aħjar, inklużi l-ispezzjonijiet tal-punti ta' ġbir u l-ATFs.

Hemm Stati Membri li diġà ħadu miżuri biex jindirizzaw il-problema, bħad-Danimarka, li introduċiet primjum għall-aħħar sid irreġistrat li jikkunsinna l-ELV tiegħu f'faċilità awtorizzata għat-trattament (ATF), jew Franza u r-Renju Unit li rrappurtaw żieda sinifikanti fl-għadd tal-ispezzjonijiet għall-ATFs.

## 5. KONKLUŻJONIJIET

Id-Direttiva ELV ġiet trasposta fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri kollha u hija meqjusa sodisfaċenti.

B'mod ġenerali, l-implimentazzjoni tad-Direttiva ELV tidher li hija prinċipalment xierqa. Fl-2017, il-mira tal-2015 tal-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' 85 % b'piż medju għal kull vettura u sena kienet intlaħqet minn 20 mit-28 Stat Membru (5 Stati Membri naqsu milli jirrappurtaw). Kien hemm aktar sfidi biex tintlaħaq il-mira tal-użu mill-ġdid u l-irkupru ta' 95 % b'piż medju għal kull vettura u sena. Madankollu, madwar nofs dawk l-Istati Membri li ma laħqux il-miri ma laħquhomx biss bi ftit punti perċentwali.

L-użu tas-sustanzi perikolużi pprojbiti qed jonqos kontinwament kif juru l-emendi tal-Anness II tad-Direttiva ELV[20] bl-entrati mnaqqsa b'mod kostanti li jippermettu l-użu tagħhom. Barra minn hekk, żdied l-għadd ta' faċilitajiet ta' trattament awtorizzati, u l-Istati Membri qed jibdew jirrappurtaw miżuri innovattivi bħall-inkorporazzjoni ta' kontenut irriċiklat, l-appoġġ ta' proġetti għall-prevenzjoni

[18] Sander, K., Wagner, L., Sanden, D.J., and Wilts, H. (2017) Entwicklung von Lösungsvorschlägen, einschließlich rechtlicher Instrumente, zur Verbesserung der Datenlage beim Verbleib von Altfahrzeugen, p.333

[19] Kohlmeyer et al (2017) Clarification of the whereabouts of end-of-life vehicles, *Recycling and Raw Materials*, Vol.10

[20] http://ec.europa.eu/environment/waste/elv/legislation_en.htm

tal-iskart u l-introduzzjoni ta' sistemi ta' ħarsien ambjentali, li kollha kemm huma jistgħu jitqiesu minn pajjiżi oħra bħala eżempji tal-aħjar prattika.

Eċċezzjoni notevoli għal din ix-xejra ġeneralment pożittiva hija l-kwistjoni tal-ELVs li mhux magħruf fejn jinsabu. Il-ġbir, it-trattament u l-kummerċ illegali ta' partijiet imneħħija mill-ELVs għadhom sfida. Minbarra t-telf ta' riżorsi prezzjużi (komponenti u materjali li jistgħu jiġu rkuprati), din il-problema u t-trattament tal-ELVs f'faċilitajiet ta' trattament mhux awtorizzati għandhom ukoll impatt negattiv fuq is-saħħa u l-ambjent. Dan huwa rifless fil-preambolu 7 tad-Direttiva 2018/849/UE[21] li jindika li d-Direttiva 2000/53/KE għandha tiġi rieżaminata u, jekk meħtieġ emendata, filwaqt li titqies il-"problema tal-vetturi li m'għadhomx jintużaw li mhumiex meqjusin, inkluż il-vjeġġi ta' vetturi użati suspettati li huma vetturi li m'għadhomx jintużaw, u lill-applikazzjoni tal-Linji Gwida tal-Korrispondenti Nru 9 dwar vjeġġi ta' vetturi tal-iskart".

Il-Kummissjoni Ewropea bħalissa qed twettaq evalwazzjoni tad-Direttiva ELV li għandha l-għan li tivvaluta kemm ir-regoli tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ELVs jipprovdu benefiċċji għall-ambjent, għall-pubbliku u għall-industrija. L-evalwazzjoni se tiġi ffinalizzata fl-2020[22]. Is-suġġetti li qed jiġu esplorati jinkludu l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tad-Direttiva, inkluża l-problema tal-ELVs li mhux magħruf fejn jinsabu, il-koerenza mad-definizzjonijiet ta' rilevanza ta' leġiżlazzjoni oħra u l-fattibbiltà tal-istabbiliment ta' miri għal materjali speċifiċi, metodi ta' rappurtar u monitoraġġ u rilevanza fir-rigward tal-isfidi tat-teknoloġiji l-ġodda, inklużi l-vetturi elettriċi u ibridi, u t-tibdiliet fil-kompożizzjoni materjali tal-vetturi.

[21] ĠU 150, 14.6.2018, p. 93
[22] http://ec.europa.eu/environment/waste/elv/evaluation_en.htm